



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2014
COM(2014) 725 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Dufenco-NLMK) mill-Belġju)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-applikazzjonijiet ippreżentati sal-31 ta' Diċembru 2013 huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ir-"Regolament dwar l-FEG")¹.
2. Fis-27 ta' Settembru 2013, il-Belġju ssottometta l-applikazzjoni EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Duferco-NLMK) għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji relatati mal-għeluq ta' Duferco Belgium SA ("Duferco") u ma' sensji tal-persunal f'NLMK La Louvière SA ("NLMK") li t-tnejn jinsabu f'La Louvière². L-applikazzjoni ġiet issupplementata b'informazzjoni addizzjonali sal-4 ta' Lulju 2014.
3. Wara li eżaminat din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament dwar l-FEG, il-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni għall-FEG:	EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Duferco-NLMK)
Stat Membru:	Il-Belġju
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:	27.9.2013
Kriterju tal-intervent:	L-Artikolu (2)(b) tar-Regolament dwar l-FEG
Regjun(i) ikkonċernat(i) (Livell NUTS 2):	BE32 Prov. Hainaut
Settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni ta' NACE Rev. 2):	Diviżjoni 24 'Manifattura ta' metalli bażiċi'
Perjodu ta' referenza:	22.1.2013-22.10.2013
Data meta nbdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema fil-mira:	1.6.2013
Numru ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza:	708
Numru ta' persuni li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri:	701
Baġit għas-servizzi personalizzati:	EUR 1 891 134
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG:	EUR 72 778 (3.7 % tal-baġit totali)
Baġit totali:	EUR 1 963 912
Kontribuzzjoni finanzjarja mitluba mill-FEG:	EUR 981 956 (50 % tal-baġit totali)

ANALIŻI TAL-APPLIKAZZJONI

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

4. L-impriżi kkonċernati huma Duferco u NLMK. Duferco ipproduċiet prodotti ċatti (folji ħoxnin) u prodotti twal (billetti, wajer). NLMK tipproduċi prodotti ċatti (prodotti llaminati bis-sħana u bil-kesħa, strixxa). Is-setturi ta' attività ekonomika

¹ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

² Duferco kien klijent ta' Carsid, li fil-perjodu 2006-2011 kienet parti minn impriża konġunta bejn Duferco u NLMK. Għaldaqstant, din l-applikazzjoni hija marbuta mal-applikazzjoni EGF/2013/002 BE/Carsid.

kkonċernati huma kklassifikati taħt NACE Rev. 2³ divizzjoni 24 "Manifattura ta' metalli bażiċi".


5. Sabiex jistabbilixxu r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, l-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-settur tal-produzzjoni tal-azzar, għadda minn taqlib ekonomiku serju, b'mod partikolari minn tnaqqis rapidu fis-sehem mis-suq tal-UE. Fid-dawl tad-diversità tal-prodotti magħmula minn Duferco u NLMK, sabiex jiġu identifikati l-bidliet strutturali maġġuri fil-mudelli kummerċjali dinjija għal dawn il-prodotti, huwa rilevanti li jiġi kkunsidrat is-suq tal-azzar grezz sħiħ, bħala indikatur sostitut tal-mudelli kummerċjali għall-kategoriji speċifiċi ta' prodotti magħmula minn Duferco u NLMK (prodotti ċatti, prodotti twal, strixxa), b'mod partikolari peress li xi wħud minn dawn il-prodotti huma prodotti intermedji li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni ta' prodotti downstream oħrajn (jiġifieri billette biex jiġu prodotti wajer, prodotti ċatti biex jiġu prodotti strixxi).
6. Skont id-dejta li saret referenza għaliha mill-awtoritajiet Belġjani⁴, bejn l-2006 u l-2011, il-produzzjoni tal-azzar grezz fl-UE-27 naqset minn 206.9 miljun tunnellata għal 177.7 miljun tunnellata (- 14.1 %; - 3.0 % ta' tkabbir annwali⁵), filwaqt li fil-livell dinji, il-produzzjoni żdiedet minn 1 249.0 miljun tunnellata għal 1 518.3 miljun tunnellata (+ 21.6 %; + 4.0 % ta' tkabbir annwali). Dan wassal għal żieda fis-sehem mis-suq tal-UE-27 fil-produzzjoni tal-azzar grezz, imkejla f'termini ta' volum, minn 16.6 % fl-2006 għal 11.7 % fl-2011 (- 29.4 %; - 6.7 % ta' tkabbir annwali). B'paragun għal dan, matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq taċ-Ċina żdied minn 33.7 % għal 45.0 % (+ 33.6 %; + 6.0 % ta' tkabbir annwali), filwaqt li l-ishma mis-suq tal-akbar ħames produttori l-oħrajn (li flimkien jirrappreżentaw madwar 25 % għal 30 % tal-produzzjoni dinjija) jew naqsu, għalkemm f'livell inqas milli għall-UE-27 (il-Ġappun, l-Istati Uniti, ir-Russja), jew żdiedu moderatament (il-Korea t'Isfel, l-Indja). Għalhekk, din id-dejta turi tnaqqis rapidu fis-sehem mis-suq tal-UE fis-settur tal-produzzjoni tal-azzar grezz fil-livell dinji.

Is-sehem mis-suq fil-produzzjoni tal-azzar grezz fil-livell dinji (volum)

³ Il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi, it-tieni revizzjoni.

⁴ Sors: Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar, *Steel Statistical Yearbook 2012*.

⁵ Rata komposta ta' tkabbir annwali.



Sors: Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar, kalkoli proprji.

Ingliż	Malti
China	Ċina
EU-27	UE-27
Japan	Il-Ġappun
USA	L-Istati Uniti tal-Amerika
Russia	Ir-Russja
India	L-Indja
South Korea	Il-Korea t'Isfel

7. L-effetti ta' dawn il-bidliet fix-xejriet kummerċjali marru għall-agħar minħabba fatturi oħrajn, bħal tnaqqis fid-domanda tal-azzar fis-setturi tal-karozzi u tal-konstruzzjoni fl-UE bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u żieda relattiva fl-ispejjeż tal-produzzjoni (materja prima, enerġija, limitazzjonijiet ambjentali, eċċ.). Dawn il-fatturi għamlu ħsara lill-kompetittività tal-industrija tal-azzar tal-UE u wasslu għal għadd kbir ta' telf ta' impjegati fis-settur tal-azzar f'dawn l-aħħar snin minħabba l-għeluq ta' impjanti u r-ristrutturar minn diversi manifatturi tal-azzar fl-Ewropa⁶. Pereżempju, bejn l-2008 u l-2013, l-għadd ta' persuni impjegati fl-industrija metallurġika (NACE Rev. 2 diviżjoni 24 'Manifattura tal-metalli bażiċi') fl-UE-27 naqas b'madwar 280 000 minn 1.44 miljun għal 1.16-il miljun (- 19.4%)⁷.
8. Mill-bidu tal-FEG fl-2007, kien hemm erba' applikazzjonijiet għall-FEG fis-settur tal-azzar⁸. Tlieta minn dawn l-applikazzjonijiet kienu relatati ma' bidliet strutturali

⁶ cf. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa (COM(2013) 407).

⁷ Sors: Eurostat (kodiċi ta' dejta onlajn: lfsa_egan22d). Id-dejta dwar l-impjegati skont is-settur mhijiex disponibbli f'livell aktar diżagregat mil-livell ta' diviżjoni NACE Rev. 2.

⁸ Ara l-bażi ta' dejta tal-FEG, disponibbli fuq <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=582>.

maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni⁹ u waħda minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali¹⁰.

Għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)

9. L-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament dwar l-FEG, li jeħtieġ li jkun hemm tal-inqas 500 sensja matul perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Rev. 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru.
10. L-applikazzjoni tikkonċerna 708 sensji li saru matul perjodu ta' disa' xhur mit-22 ta' Jannar 2013 sat-22 ta' Ottubru 2013 (li tinkludi 381 sensja f'Duferco u 327 sensja f'NLMK). Duferco u NLMK jinsabu fl-istess reġjun tal-livell NUTS 2 (BE32 Prov. Hainaut) u joperaw fl-istess settur ta' attività ekonomika (NACE Rev. 2 diviżjoni 24 'Manifattura tal-metalli bażiċi').
11. Fl-2006, il-grupp Duferco ffirmat ftehim industrijali mal-grupp NLMK (Novolipetsk Steel) biex jistabbilixxi impriża konġunta, imsejħa SIF (Steel Invest & Finance), li tikkonċerna diversi attivitajiet industrijali fil-Belġju, inkluż dawk ta' Duferco La Louvière SA, Duferco Clabecq SA u Carsid SA. Madankollu, fl-2011, l-azzjonisti ddeċidew li jtemmu l-impriża konġunta. B'konsegwenza ta' dan, Duferco La Louvière SA, inqasmet f'NLMK La Louvière SA għall-fabbriki għall-illaminar bis-sħana u l-illaminar bil-kesħa u f'Duferco Belgium SA għall-produzzjoni tal-azzar bl-elettriku u l-produzzjoni ta' vireg tal-wajer¹¹. Għalhekk, meta tħabbru s-sensji f'Duferco u NLMK, iż-żewġ kumpaniji ma kien baqgħalhom l-ebda rabta legali, għalkemm baqgħu joperaw fl-istess sit f'La Louvière. Minn meta nqasmet fl-2011, iż-żewġ kumpaniji żammew rabtiet ekonomiċi u funzjonali iżda ma qasmet l-ebda faċilità jew persunal. Għalhekk, l-applikazzjoni tikkonċerna żewġ proċeduri ta' sensji kollettivi separati (għeluq ta' kumpanija fil-każ ta' Duferco u ristrutturar fil-każ ta' NLMK).
12. Is-sensji kollha kienu kkalkolati mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjeg qabel l-iskadenza tiegħu, kif stabbilit fit-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-FEG ('metodu 2').

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

13. L-awtoritajiet Belġjani jargumentaw li s-sensji f'Duferco u NLMK ma setgħux jiġu previsti. Bejn l-2007 u l-2012, matul u wara l-perjodu tal-impriża konġunta, NLMK u Duferco investew rispettivament EUR 82 miljun u EUR 20 miljun fl-impjanti ta' produzzjoni tagħhom f'La Louvière, li juri li kellhom il-ħsieb li jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom hemmhekk. Madankollu, dawn l-effetti ddgħajfu rapidament minn inċertezzi marbuta mal-effetti tal-kriżi ekonomika fuq l-istruttura tal-kummerċ dinji fil-prodotti tal-azzar, u minn problemi ta' kapaċità eċċessiva u kompetizzjoni intensifikata. B'konsegwenza ta' dan, f'Diċembru 2012, Duferco ħabbret id-deċiżjoni tagħha li tagħlaq l-impjant tagħha f'La Louvière u li tagħti s-sensja lit-

⁹ Ara l-abbozz tal-proposti tal-Kummissjoni fuq il-każijiet EGF/2009/022 BG/Kremikovtsi (applikazzjoni miċħuda mill-Kummissjoni), EGF/2012/010 RO/ Mechel (Deċiżjoni COM(2014) 255 finali tas-7.5.2014), EGF/2013/002 BE Carsid (applikazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni fit-2 ta' April 2013).

¹⁰ Każ EGF/2010/007 AT/Steiermark / Niederösterreich. Id-Deċiżjoni 2011/652/UE tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU L 263, 7.10.2011, p. 9).

¹¹ Duferco Clabecq SA baqgħet proprjetà ta' NLMK u saret NKMK Clabecq SA. Carsid SA nbiegħet lil kumpanija barranija Steel Project Development SA.

381 ħaddiem kollha. Is-sensji saru f' Mejju 2013. F'Diċembru 2012, NLMK ħabbret ukoll l-intenzjoni tagħha li tnaqqas il-persunal fl-impjant tagħha f'La Louvière u li tagħti s-sensja lil 327 ħaddiem. Is-sensji saru f'erba' fażijiet bejn Mejju u Novembru 2013.

Identifikazzjoni tal-ħaddiema fil-mira

14. L-awtoritajiet Belġjani jistmaw li 701 mis-708 ħaddiem li ngħataw is-sensja sejr in jieħdu sehem fil-miżuri kofinanzjati mill-FEG (374 ħaddiem minn Duferco u 327 ħaddiem minn NLMK¹²). It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira għal kull kumpanija huwa kif ġej:

Duferco

15. It-tqassim tal-ħaddiema mmirati skont is-sess, in-nazzjonalità u l-grupp ta' etajiet huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' ħaddiema fil-mira
Sess:	Irġiel:	362
	Nisa:	12
Nazzjonalità:	Ċittadini tal-UE:	372
	Ċittadini mhux mill-UE:	2
Grupp ta' etajiet:	15-24 sena:	8
	25-54 sena:	312
	55-64 sena:	54
	Età 'l fuq minn 65 sena:	0

16. L-ebda wieħed mill-ħaddiema fil-mira ma għandu problema ta' saħħa fit-tul jew diżabbiltà.
17. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont il-kategorija okkupazzjonali¹³ huwa kif ġej:

Grupp ewlieni ISCO-08	Għadd ta' ħaddiema mmirati
1 Maniġers	32
2 Professjonisti	2
3 Tekniċi u professjonisti assoċjati	18
4 Ħaddiema ta' appoġġ klerikali	17
5 Ħaddiema tal-bejgħ u s-servizzi	23
7 Ħaddiema tas-sengħa u snajja' relatati	127
8 Operaturi u assemblaturi ta' impjanti u magni	147
9 Impjiegi elementari	8
Mhux magħruf / mhux disponibbli	0

NLMK

18. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, in-nazzjonalità u l-grupp ta' etajiet huwa kif ġej:

¹² Is-7 ħaddiema l-oħrajn jew irrifjutaw li jirreġistraw biex jibbenefikaw minn miżuri ta' riallokazzjoni jew iddeċidew li jitolbu eżenzjoni (billi kellhom aktar minn 58 sena jew kellhom aktar minn 38 sena ta' anzjanità).

¹³ Gruppi ewlenin rilevanti tal-Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi (ISCO-08).

Kategorija		Għadd ta' ħaddiema mmirati
Sess:	Irġiel: Nisa:	316 11
Nazzjonalità:	Ċittadini tal-UE: Ċittadini mhux mill-UE:	327 0
Grupp ta' etajiet:	15-24 sena: 25-54 sena: 55-64 sena: Età 'l fuq minn 65 sena:	6 238 83 0

19. L-ebda wieħed mill-ħaddiema fil-mira ma għandu problema ta' saħħa fit-tul jew diżabbiltà.
20. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont il-kategorija okkupazzjonali huwa kif ġej:

Grupp ewlieni ISCO-08	Għadd ta' ħaddiema fil-mira
1 Maniġers	19
2 Professjonisti	5
3 Tekniċi u professjonisti assoċjati	31
4 Ħaddiema ta' appoġġ klerikali	17
5 Ħaddiema tal-bejgħ u s-servizzi	9
7 Ħaddiema tas-sengħa u snajja' relatati	85
8 Operaturi u assemblaturi ta' impjanti u magni	126
9 Impjiegi elementari	35
Mhux magħruf / mhux disponibbli	0

21. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar l-FEG, l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni sejrjn jiġu rrispettati fir-rigward tal-aċċess għall-miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati tiegħu

22. Is-sensji f'Duferco u NLMK jaffettwaw primarjament iż-żona ta' La Louvière fil-provinċja ta' Hainaut, fir-Reġjun tal-Vallonja, fix-Xlokk tal-Belġju. Iż-żona ta' La Louvière, li tagħmel parti miż-żona tas-suq tax-xogħol taċ-ċentru ta' Hainaut (il-belt ewlenija l-oħra hija Mons), hija żona fejn qabel kien hemm il-minjieri tal-faħam u l-produzzjoni tal-azzar, fejn l-impjieg jiddependi b'mod qawwi fuq l-industrija peżanti tradizzjonali u fuq is-settur pubbliku. Iż-żona tas-suq tax-xogħol taċ-ċentru ta' Hainaut għandha madwar 510 000 abitant (14 % tal-popolazzjoni tal-Vallonja). L-industrija tal-manifattura tammonta għal kważi 12 % tal-impjiegi mħallsa fiż-żona (15 100 impjieg). Is-setturi ewlenin l-oħrajn huma s-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali (18 % tal-impjiegi mħallsa), l-edukazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika (11 %), il-kummerċ (11 %) u l-kostruzzjoni (7 %). Fl-2012, ir-rata tal-qgħad fiċ-ċentru ta' Hainaut (52.9 %) kienet ferm aktar baxxa mill-medji reġjonali u nazzjonali (56.9 % u 61.3 % rispettivament)¹⁴. Fl-2013, kien hemm madwar 42 300 persuna mingħajr impjieg li kienu qegħdin ifittxu xogħol fiċ-ċentru ta' Hainaut (jiġifieri 16.7 % tal-

¹⁴ Sors: Steunpunt WSE, kalkoli ta' FOREM.

persuni mingħajr impjieg li kienu qegħdin ifittxu xogħol fil-Vallonja). Id-domanda għall-impjieg ġeneralment segwiet ix-xejra reġjonali, iżda s-sitwazzjonijiet huma differenti fiċ-ċentru ta' Hainaut. Bejn l-2008 u l-2012, id-domanda għall-impjieg fiż-żona ta' Mons baqgħet bejn wieħed u ieħor stabbli (- 0.8 %), filwaqt li żdiedet fiż-żona ta' La Louvière (+ 5.5 %), fejn is-setturi l-aktar affettwati mill-kriżi (l-industrija, il-kostruzzjoni) huma wkoll aktar preżenti¹⁵. Fl-2012, ir-rata tal-qgħad fiċ-ċentru ta' Hainaut kienet ta' 17.7 %, meta mqabbla ma' 15.8 % bħala medja fil-Vallonja u 11.2 % fil-livell nazzjonali¹⁶. Il-livell ta' kwalifiki tal-persuni li qegħdin ifittxu xogħol huwa ġeneralment baxx (51 % ma għandhomx edukazzjoni sekondarja oġhla, meta mqabbel ma' 47 % fil-Vallonja), u l-qgħad fit-tul huwa għoli (38 % tal-persuni li qegħdin ifittxu xogħol kienu mingħajr impjieg għal aktar minn sentejn, meta mqabbel ma' 36 % fil-Vallonja). Ir-rata ta' qgħad tal-persuni li għandhom bejn 18 sa 25 sena hija għolja wkoll (39 %, meta mqabbel ma' 36 % fil-Vallonja)¹⁷.

23. Il-miżuri huma implimentati minn FOREM (is-servizz pubbliku tal-impjieg u tat-taħriġ tar-Reġjun tal-Vallonja) permezz ta' żewġ Unitajiet ta' Riallokazzjoni (*cellules de reconversion*) imwaqqfa speċifikament bħala parti miż-żewġ obbligi ġuridiċi għall-proċeduri ta' sensji kollettivi għal kull kumpanija separata¹⁸. L-Unitajiet ta' Riallokazzjoni għal Duferco u għal NLMK huma ġestiti minn kumitat li jgħaqqad flimkien rappreżentanti mis-servizzi pubbliċi tal-Vallonja inkarigati mill-impjieg, it-taħriġ, u l-affarijiet ekonomiċi, FOREM, it-trejdjunjins, u organizzazzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali u bbażati fuq is-settur.
24. Barra minn FOREM, l-organizzazzjonijiet l-oħrajn involuti fil-koordinazzjoni ġenerali u fl-implimentazzjoni tal-miżuri għalhekk jinkludu:
- il-Gvern tal-Vallonja (il-Ministru-President tar-Reġjun tal-Vallonja responsabbli għall-koordinazzjoni tal-Fondi Strutturali, il-Ministru għall-impjieg u t-Taħriġ, il-Ministru għall-Ekonomija);
 - it-trejdjunjins (FGTB, CSC);
 - iċ-ċentri ta' taħriġ vokazzjonali u teknoloġiku settorjali attivi fir-Reġjun tal-Vallonja (*centres de compétences*)¹⁹;
 - l-Aġenzija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) tal-Komunità Franċiża tal-Belġju.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjieg lokali, reġjonali jew nazzjonali

25. Is-sensji f' Duferco u f' NLMK huma mistennija li jżidu l-qgħad b' mod sinifikanti fiż-żona ta' La Louvière. Kif indikat hawn fuq, iż-żona ta' La Louvière (iċ-ċentru ta' Hainaut) hija kkaratterizzata minn livell relattivament għoli ta' qgħad, bi proporzjon għoli ta' qgħad fit-tul u livelli ta' kwalifiki u ħiliet baxxi. Għalhekk, is-sensji f' Duferco u f' NLMK huma stabbiliti f' kuntest soċjoekonomiku lokali differenti. L-industrija metallurġika (li prinċipalment tinsab f' La Louvière) u s-settur tal-

¹⁵ Sors: ONSS / RSZ.

¹⁶ Sors: Steunpunt WSE.

¹⁷ Sors: FOREM.

¹⁸ Għalkemm twaqqfu formalment żewġ Unitajiet ta' Riallokazzjoni, fil-prattika, dawn l-Unitajiet ta' Riallokazzjoni joperaw bħala entità waħda għaż-żewġ proċeduri ta' sensji kollettivi peress li jeżistu benefiċċji meta l-miżuri għall-ħaddiema taż-żewġ kumpaniji jiġu kkombinati flimkien, kemm għal raġunijiet organizzattivi (persunal, bini, tagħmir, eċċ.) u minħabba n-natura tal-attivitajiet imwettqa.

¹⁹ Is-*centres de compétences* iwettqu attivitajiet ta' taħriġ, studji prospettivi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar okkupazzjonijiet jew setturi speċifiċi. Is-*centres de compétences* huma mwaqqfa bi sħubija mir-Reġjun tal-Vallonja, FOREM, l-imsieħba soċjali mis-setturi kkonċernati, iċ-ċentri ta' riċerka, u l-universitajiet.

manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi (f'Mons, Saint-Ghislain, u Soignies), li jammontaw għal madwar 3 600 impjiegi (jiġifieri 24 % tal-impjiegi fl-industrija fiż-żona taċ-ċentru ta' Hainaut), irreġistrat tnaqqis qawwi fl-għadd ta' impjiegi, jiġifieri - 18.3 % għas-settur metallurġiku u - 27.6 % għall-manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi. Is-suq tax-xogħol fiż-żona taċ-ċentru ta' Hainaut huwa kkaratterizzat minn preżenza industrijali qawwija. Madankollu, peress li s-settur industrijali jiddependi ħafna fuq l-ekonomija globali, l-għadd ta' impjiegi fl-industrija tal-manifattura naqas minn aktar minn 18 000 fis-sena 2000 għal madwar 15 000 fl-2012 (- 20 %). Bħall-bqija tal-Vallonja, aktar kumpaniji huma SMEs (madwar 80 % mid-9 400 stabbiliment fiċ-ċentru ta' Hainaut għandhom inqas minn 10 ħaddiema). Madankollu, l-impriżi ta' daqs medju u l-impriżi kbar jammontaw għall-biċċa l-kbira tal-impjiegi. L-istabbilimenti li għandhom bejn 20 u 99 ħaddiem (10.5 % tal-istabbilimenti fiż-żona) jammontaw għal kważi 32 % tal-impjiegi fiż-żona, dawk li għandhom bejn 100 u 499 ħaddiem (2.3 % tal-istabbilimenti) jammontaw għal 32.5 % tal-impjiegi, u dawk b'tal-anqas 500 ħaddiem (2.5 % tal-istabbilimenti) jammontaw għal 10.5 % tal-impjiegi. F'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' ħaddiema li jgħixu fiċ-ċentru ta' Hainaut naqas b'mod qawwi, b'mod partikolari f'La Louvière u fis-setturi tal-industrija tal-manifattura (- 914 ħaddiem, - 5.2 %), kostruzzjoni (- 437 ħaddiem, - 4 %) u l-kummerċ (- 326 ħaddiem, - 1.8 %). Iż-żona tal-madwar ta' Charleroi (it-Tramuntana ta' Hainaut) ukoll qiegħda tiffaċċja sitwazzjoni simili ta' qgħad kbir u ta' domanda kbira għal impjiegi, u sensji fuq skala kbira b'960 sensja f'Carsid (azzar) fl-2012/2013 u madwar 1 400 sensja f'Caterpillar (tagħmir ta' kostruzzjoni) fl-2014. F'dan il-kuntest, biex jinstab impjiegi ġdid fiż-żona, il-ħaddiema minn Duferco u NLMK sejrjn ikollhom jitħarrġu mill-ġdid biex isibu impjiegi f'xogħlijiet u f'setturi oħra.

Servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati

26. Il-FEG sejjer jikkofinanzja biss uħud mill-miżuri li jagħmlu parti mill-azzjonijiet implimentati mill-awtoritajiet Belġjani biex jappoġġjaw lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn Duferco u NMLK. Għalhekk, il-miżuri li huma obligatorji skont il-proċeduri ta' sensji kollettivi fil-Belġju u li jitwettqu bħala parti mill-attivitajiet standard tal-Unitajiet ta' Riallokazzjoni (eż. l-appoġġ għar-rikollokament, it-taħriġ, l-għajnuna għat-tiftix tax-xogħol, u parir dwar il-karrieri, eċċ.)²⁰ mhumiex inklużi f'din l-applikazzjoni għall-FEG. Is-sett ta' miżuri globali (miżuri obligatorji u miżuri tal-FEG) huwa ġestit minn FOREM.
27. Is-servizzi personalizzati pprovduti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja bħala parti mill-azzjonijiet li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEG jikkonsistu f'dawn il-miżuri (raggruppati skont il-kategorija)²¹:
- (1) Għajnuna għat-tiftix ta' impjiegi individwali, servizzi ta' ġestjoni tal-każijiet u informazzjoni ġenerali:
- *Riallokazzjoni (appoġġ / gwida/ integrazzjoni)*: Dan is-sett ta' servizzi jibni fuq l-attivitajiet standard imwettqa mill-Unitajiet ta' Riallokazzjoni. Is-servizzi sejrjn jingħataw minn tim ta' persunal tal-FOREM (maniġer tal-proġetti, konsulenti speċjalizzati) bi sħubija ma' eks rappreżentanti tal-ħaddiema li jaġixxu bħala 'assistenti soċjali' (*accompagnateurs sociaux*) biex il-ħaddiema

²⁰ Ara l-paragrafu 34.

²¹ Fis-sottomissjoni tagħhom tal-4 ta' Lulju 2014, l-awtoritajiet Belġjani emendaw b'mod sinifikanti s-sett ta' miżuri sabiex dawn jikkorrispondu mal-istatus attwali ta' implimentazzjoni tal-miżuri. Diversi miżuri li kienu inizjalment ippjanati issa mhumiex inklużi fl-applikazzjoni.

jitħeġġu jieħdu sehem fil-miżuri u biex jgħinuhom bil-proċeduri amministrattivi. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-ħaddiema, is-servizzi huma pprovduti b'mod konġunt lill-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja f'bini apposta. Is-servizzi jkopru tliet tipi ta' attivit : (i) informazzjoni kollettiva dwar tekniki ta' tiftix ta' impjieg (kif għandhom jinkitbu CV u ittra ta' applikazzjoni, l-użu tar-riżorsi tal-web, eċċ.), spjegazzjonijiet dwar ir-regolamenti fuq ix-xogħol (rikollokament, qgħad, kuntratt ta' impjieg, pensjoni), sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni, preżentazzjoni tal-okkupazzjonijiet u s-setturi b'potenzjal, eċċ.; (ii) intervisti individwali ma' konsulent tal-FOREM (verifika tal-ħiliet, perkors tal-karriera, gwida dwar it-taħriġ, eċċ.); (iii) aċċess liberu u miftuħ għal għodod għat-tiftix ta' impjieg (tagħmir tal-IT b'konnessjoni tal-Internet, telefown, dokumentazzjoni speċjalizzata, eċċ.). Din il-miżura sejra tikkonċerna lil 701 ħaddiem kollha fil-mira, għal perjodu massimu ta' 24 xahar.

- *Tħeġġiġ għal tiftix ta' impjieg*: FOREM sejjer iwettaq ukoll attivitajiet speċifiċi biex jgħin lill-ħaddiema fit-tiftix għal impjieg u biex jingħelbu d-diffikultajiet fil-proċess ta' riallokazzjoni. Dan jinkludi laqgħat bejn il-ħaddiema li ngħataw is-sensja u l-impjegaturi potenzjali (it-tqabbil tal-impjegi), żjarat fil-kumpaniji, laqgħat ma' persuni li jirreklutaw għat-tħejjija ta' intervisti għax-xogħol, u skambji ta' esperjenza ma' ħaddiema oħrajn li jkunu diġ  tħarrġu mill-ġdid jew li sabu impjieg wara sensja kollettiva. Din il-miżura tista' potenzjalment tiġi pprovduta lis-701 ħaddiem fil-mira kollha (fuq bażi volontarja, skont il-ħtiġijiet individwali); huwa mistenni li 450 sejr in ikunu jixtiequ jieħdu sehem.

(2) Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:

- *Taħriġ integrat*: Jistgħu potenzjament jiġu proposti tipi differenti ta' korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għas-701 ħaddiem kollha fil-mira (skont it-tip ta' kors) jew minn FOREM jew mis-*centres de competences* jew minn IFAPME²². Huwa mistenni li 350 sejr in ikunu jixtiequ jieħdu sehem. Bħala pass inizjali, il-persunal ta' FOREM sejjer jgħin lil kull parteċipant biex jiddefinixxi l-miri tiegħu relatati max-xogħol u jiggwidah lejn wieħed minn tliet tipi ta' moduli ta' taħriġ. Il-ħaddiema li jistgħu jitħarrġu mill-ġdid għal okkupazzjoni simili għal dik li kellhom f'Duferco jew f'NLMK, jistgħu jew isegwu modulu speċifiku jew ta' speċjalizzazzjoni (40 siegħa) sabiex jadattaw il-kompetenzi tagħhom u jaġġornawhom (eż. operatur tat-trakk tat-tagħbija, proċess ta' wwdjar speċifiku, ħiliet tal-IT), jew kors supplementari li jwassal għal kwalifiki ġodda (320 siegħa), li jippermetti lill-ħaddiema japplikaw għal impjegi f'okkupazzjoni ġdida fis-settur industrijali. Għal taħriġ mill-ġdid f'settur ta' attivit  differenti għal kollox, il-ħaddiema jistgħu jsegwu kors ta' taħriġ okkupazzjonali (medja ta' 960 siegħa) sabiex jiksbu l-kompetenzi meħtieġa għal din l-okkupazzjoni. Fi tmiem kull modulu ta' taħriġ, il-ħiliet ġodda jistgħu jiġu evalwati u ddokumentati. Skont it-tip ta' taħriġ u l-qasam tal-kompetenzi, il-parteċipanti sejr in jingħataw jew ċertifikazzjoni tal-ħiliet formali (jiġifieri ċertifikat ta' kompetenza), ċertifikat ta' attendenza (għal kompetenzi jew okkupazzjonijiet li għalihom ma teżisti l-ebda ċertifikazzjoni formali) jew validazzjoni tal-ħiliet (għal ħiliet u kompetenzi miksuba barra mill-korsijiet ta' taħriġ formali). Iċ-ċertifikazzjoni formali tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta'

²²

IFAPME (Institut wallon de Formation en Alternance et des ind pendants et Petites et Moyennes Entreprises) huwa istitut ta' taħriġ pubbliku li jipprovi taħriġ doppju relatat max-xogħol f'forma ta' apprendistati u korsijiet speċifiċi għal manijers tal-SMEs.

testijiet ta' valutazzjoni li jwasslu għall-għoti ta' 'Ċertifikat tal-Ħiliet Miksuba permezz tat-Taħriġ' (*Certificat des Compétences Acquisées en Formation – CECAF*). Il-validazzjoni tal-ħiliet hija vverifikata permezz ta' testijiet ta' valutazzjoni li jwasslu għall-għoti ta' kredenzjali tal-ħiliet (*titres de compétences*).

- *Trasferiment ta' esperjenza*: Il-ħaddiema b'esperjenza jistgħu jtejbju l-ħiliet u l-għarfien tagħhom billi jsiru għalliema jew ħarrieġa f'edukazzjoni teknika. Sejjer jiġi żviluppat modulu speċifiku ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ minn qabel minn FOREM u mill-federazzjonijiet tad-diversi fergħat tal-edukazzjoni teknika biex iħeġġeġ ċerti ħaddiema ħalli jitħarrġu biex isiru għalliema vokazzjonali. Il-modulu sejjer jinkludi l-għoti ta' informazzjoni speċifika, appoġġ tekniku, laqgħat ma' Prattikanti u żjarat fuq il-post. Il-modulu sejjer idum tmien ġimgħat u sejjer ikun immirat lejn madwar 10 ħaddiema.

(3) Promozzjoni tal-intraprenditorija:

- *Appoġġ għall-ħolqien ta' intrapiża*: Il-ħaddiema li qegħdin jikkunsidraw li jistabilixxu n-negozju tagħhom stess sejrjn jirċievu gwida u appoġġ minn Konsulent għall-Ħolqien tan-Negozju minn FOREM. Dan l-appoġġ jinkludi żewġ attivitajiet prinċipali: (i) sessjonijiet ta' informazzjoni kollettivi biex jitqajjem għarfien dwar l-opportunitajiet għall-ħolqien ta' negozju, jiprovdu informazzjoni dwar aspetti u miżuri legali biex jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' negozju; (ii) intervisti individwali ma' ħaddiema interessati biex jiġi rivedut il-proġett tagħhom u jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt ma' organizzazzjonijiet ta' appoġġ tan-negozju u l-fornituri tas-servizz. Il-Konsulent sejjer jaħdem mill-qrib mal-Unitajiet ta' Riallokazzjoni biex jgħin lill-ħaddiema bil-proġetti ta' negozju tagħhom. Madwar 50 ħaddiem huma mistennija li jattendu għas-sessjonijiet ta' informazzjoni u madwar 10 huma mistennija li jieħdu sehem fl-intervisti u fl-attivitajiet ta' segwitu.
- *Appoġġ għal proġetti kollettivi*: Il-ħaddiema li jaf ikunu qegħdin jaħsbuha biex iwaqqfu intrapiża "soċjali" flimkien bħala grupp sejrjn jirċievu gwida u appoġġ minn konsulenza speċjalizzata (magħżula permezz ta' sejhja għall-proposti) u mill-Unitajiet ta' Riallokazzjoni. Dan l-appoġġ jinkludi informazzjoni u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħolqien ta' negozju u l-ħiliet ta' ġestjoni bażiċi, kif ukoll pariri dwar it-twaqqif tal-kumpanija (eż it-fassil ta' pjan ta' negozju, l-abbozzar tal-istatuti legali, il-kummerċjalizzazzjoni, eċċ.). Jistgħu jingħataw għotjiet biex jgħinu jkopru l-ispejjeż ta' bidu ta' tali proġetti ta' negozju. Il-ħaddiema għandhom jissottomettu applikazzjoni li tiddeskrivi l-proġett (eż. ħiliet u esperjenza tal-ħaddiema, l-istudju ta' fattibbiltà, analiżi finanzjarja, potenzjali tas-suq, prospetti tat-tkabbir, benefiċċji soċjoekonomiċi, eċċ.). Il-Kumitati għall-Appoġġ tal-Unitajiet ta' Riallokazzjoni, li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti mill-impjegatur, it-trejdjunjins u FOREM, jivvalutaw l-applikazzjoni u jiddeċiedu jekk jagħtux għotja. Kull ħaddiem involut fil-proġett jista' jirċievi għotja ta' EUR 5 000 (b'fondi miġbura flimkien fost il-ħaddiema kollha li jieħdu sehem). L-għotjiet jistgħu jintużaw biex ikopru x-xiri ta' tagħmir, merkanziji, pubbliċità, konsulenza, taħriġ, eċċ. Il-konsulenza sejra tamministra l-għotjiet u tirrapporta lil FOREM dwar l-użu tan-nefqa (fatturi u dokumentazzjoni ta' appoġġ). Huwa mistenni li 25 ħaddiem jieħdu sehem f'din il-miżura, b'10 għotjiet ta' appoġġ mogħtija lill-ħaddiema.

28. Dawn il-miżuri jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti mill-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-FEG.
29. L-ispejjeż totali tal-miżuri huma stmati għal EUR 1 963 912, li jinkludu EUR 1 891 134 għal servizzi personalizzati u EUR 72 778 għall-implimentazzjoni tal-FEG (3.7 % tal-ispejjeż totali). Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 981 956 (50 % tal-kosti totali).

Miżuri	Numru stmat ta' ħaddiema fil-mira	Kost stmat għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)*	Kostijiet totali (FEG u kofinanzjament nazzjonali) (EUR)*
Servizzi personalizzati:			
(1) Għajjnuna għat-tiftix ta' impjeg individwali, servizzi ta' ġestjoni tal-każijiet u informazzjoni ġenerali:			
– Riallokazzjoni (appoġġ / gwida/ integrazzjoni):	701	1 963	1 375 800
– Thegħiġ għat-tiftix ta' impjeg	450	100	45 000
(2) Taħriġ u taħriġ mill-ġdid:			
– Taħriġ integrat:	350	1 100	384 834
– Trasferiment ta' esperjenza:	10	300	3 000
(3) Promozzjoni tal-intraprenditorija:			
– Appoġġ għall-ħolqien ta' intrapiża	50	450	22 500
– Appoġġ għal proġetti kollettivi	25	2 400	60 000
Subtotal:	–	–	1 891 134
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG:			
1. Attivitajiet preparatorji	–	–	0
2. Ġestjoni	–	–	28 978
3. Informazzjoni u pubbliċità	–	–	43 800
4. Attivitajiet ta' kontroll	–	–	0
Subtotal:	–	–	72 778
Kostijiet totali:	–	–	1 963 912
Kontribuzzjoni tal-FEG (50 % tal-kostijiet totali)	–	–	981 956

* Ċifri mqarriba.

30. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-miżuri huma kumplementari għall-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa biex jimpedixxu l-finanzjament doppju.

Id-data meta nbdev jew meta huwa maħsub li jinbdev is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema fil-mira

31. L-awtoritajiet Belġjani bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-ħaddiema fil-mira fl-1 ta' Ġunju 2013. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn il-miżuri hija eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG minn dik id-data.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

32. Il-miżuri huma r-riżultat ta' bosta diskussjonijiet u laqgħat preparatorji organizzati bejn April 2012 u Lulju 2013 fost id-diversi msieħba soċjali involuti. Kif imsemmi hawn fuq, it-trejdjunjins huma involuti direttament fil-ġestjoni tal-Unitajiet ta' Riallokazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri.
33. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew irrispettati.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

34. Skont il-leġiżlazzjoni federali tal-Belġju²³, il-kumpaniji li jwettqu sensji kollettivi jridu jipprovdu servizzi ta' rikollokament lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. It-tul ta' żmien tas-servizzi ta' rikollokament irid ikun ta' mill-inqas 30 siegħa fuq tliet xhur għall-ħaddiema taħt l-età ta' 45 sena u ta' mill-inqas 60 siegħa fuq sitt xhur għall-ħaddiema ta' 45 sena u aktar. Il-ħaddiema kollha mhux temporanji jridu jieħdu sehem f'tali servizzi ta' rikollokament, ħlief fil-każ ta' derogi speċifiċi. Skont il-leġiżlazzjoni tal-Vallonja²⁴, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema jistgħu jitlobu lil FOREM biex iwaqqaf Unità ta' Riallokazzjoni sabiex tippovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Id-deċiżjoni minn FOREM li jwaqqaf Unità ta' Riallokazzjoni hija diskrezzjonali u l-impjegaturi jew il-ħaddiema mhumiex obligati li jieħdu sehem fil-miżuri mwettqa minn Unità ta' Riallokazzjoni. Madankollu, is-servizzi pprovduti mill-Unitajiet ta' Riallokazzjoni jistgħu jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi fir-rigward tas-servizzi ta' rikollokament.
35. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li:
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex sejra tiegħu post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi²⁵;
 - il-miżuri jipprovdu appoġġ għall ħaddiema individwali u ma jintużawx għar-ristrutturar tal-intrapriżi jew tas-setturi;
 - il-miżuri mhux sejrini jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni²⁶.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

36. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni ddettaljata tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-kumitat ta' tmexxija magħmul mill-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-FEG jiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u segwitu globali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG sejra tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi bħall-FSE. Entità waħda fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE għall-Federazzjoni Vallonja-Brussell (dik li qabel kienet il-Komunità Franċiża tal-Belġju) sejra taġixxi bħala awtorità manġerjali u entità separata oħra fi ħdan l-Aġenzija tal-FSE sejra taġixxi bħala awtorità tal-pagamenti. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Federazzjoni Vallonja-Brussell sejjer jaġixxi bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u FOREM sejjer jaġixxi bħala korp intermedjarju.

²³ *Arrêté royal relatif à la gestion active des restructurations du 9 mars 2006* (Belgisch Staatsblad / Moniteur Belge, 31.3.2006, éd. 2, p. 18309).

²⁴ *Décret de la Région wallonne relatif au plan d'accompagnement des reconversions du 29 janvier 2004* (Belgisch Staatsblad / Moniteur Belge, 10.3.2004, p. 13547).

²⁵ Permezz tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, l-awtoritajiet Belġjani sejrini ikunu jistgħu jestendu l-għoti ta' servizzi ta' rikollokament lil hinn mill-perjodi obligatorji u jwettqu miżuri addizzjonali. Għall-kalkolu tal-ispejjeż allokati għall-FEG, l-awtoritajiet Belġjani sejrini iqisu l-miżuri mwettqa matul il-perjodu tal-obbligu ġuridiku (dan jirrigwarda biss il-miżura 'Riallokazzjoni (appoġġ / gwida / integrazzjoni)'. In-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokament imwettqa matul il-perjodu obligatorju sejjer jitnaqqas mit-total tan-numru ta' sigħat ta' servizzi ta' rikollokament li kull benefiċjarju mmirat ikun ibbenefika minnhom.

²⁶ Appoġġ finanzjarju mill-FSE ngħata taħt l-Assi 2.2 tal-Programm Operazzjonali ta' Konverġenza għall-2008-2013 għal proġett (EnTrain En Transition-Reconversion-Accompagnement) li kellu l-għan li jiżviluppa metodi pedagoġiċi għall-Unitajiet ta' Riallokazzjoni b'mod ġenerali.

Finanzjament

37. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020²⁷ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.
38. Meta jitqiesu l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u l-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tippromponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni mitluba (EUR 981 956), li jirrappreżenta 50 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti.
39. Id-deċizzjoni proposta, li jiġi mmobilizzat il-FEG, sejra tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁸.
40. Il-Kummissjoni tippreżenta separatament talba għal trasferiment sabiex tidħol fl-appropriazzjonijiet ta' impenn speċifiċi għall-baġit tal-2015, kif mitlub skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

41. Appropriazzjonijiet allokatati għal-intestatura baġitarja tal-FEG fil-baġit tal-2015 sejrjn jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 981 956.

²⁷ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

²⁸ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/007 BE/Hainaut steel (Duferco-NLMK) mill-Belġju)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni²⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³⁰, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea³¹,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali lil ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali maġġuri fil-mudelli kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jassistihom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020³².
- (3) Il-Belġju ppreżenta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriżi Duferco Belgium SA u NLMK La Louvière SA, fis-27 ta' Settembru 2013 u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali sal-4 ta' Lulju 2014. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li jiġi mobilizzat l-ammont ta' EUR 981 956.
- (4) Il-FEG għalhekk għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju,

²⁹ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³⁰ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

³² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 981 956 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President